## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors numru 1156/2023AD
Fl-atti tal-bejgħ bl-irkant numru 30/2023

**David Jaccarini**

**vs**

**Rita sive Marguerite Jaccarini**

**Illum 9 ta' Novembru, 2023**

**Il-Qorti,**

Reggħat rat ir-rikors tad-29 ta' Settembru, 2023, fejn id-debtriċi eżekutata Rita sive Marguerite Jaccarini qed titlob lil din il-Qorti sabiex

1. Tappunta seduta għas-smigħ ta' dan ir-rikors u tordna s-sospensjoni tal-bejgħ bl-irkant sakemm jingħata digriet finali minn din l-Onorabbli Qorti;

2. Tannulla u tirrevoka l-proċess ta' bejgħ bl-irkant tal-fond già numerat ħdax (11), illum inumerat mitejn u tlieta u sebgħin (273),fi Triq it-Torri, già Triq il-Kbira, Tas-Sliema, già San Ġiljan għar-raġunijiet surreferiti;

3. Tannulla, tirrevoka jew tvarja il-proċess ta’ bejgħ bl-irkant tal-villa bil-garage sottopost u interkonness magħha numerat sebgħin (70) u tnejn u sebgħin (72),bl-isem ‘Adagio’, fi Triq l-Għarbiel Swieqi;

4. Tagħti kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-digrieti tal-5 ta’ Ottubru 2023 u tal-10 ta’ Ottubru 2023.

Rat ir-risposta tal-kreditur eżekutant David Jaccarini tat-23 ta’ Ottubru 2023.

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet waqt l-udjenzi tas-26 ta’ Ottubru 2023 u tal-31 ta’ Ottubru,2023.

Rat li fir-risposta tiegħu il-kreditur eżekutant David Jaccarini irtira t-talba tiegħu ghall-bejgħ bl-irkant tal-kwart (1/4) indiviż mill-fond bin-numru mitejn tlieta u sebgħin (273), fi Triq it-Torri tas-Sliema b’riserva u mingħajr preġudizzju ghat-talba ghall-bejgħ b’subbasta tal-propjetà l-oħra mertu tas-subbasta u cioè tal-villa bil-garage sottopost u interkomess magħha numerata sebgħin (70) u tnejn u sebgħin (72), bl-isem ‘Adagio’, fi Triq l-Gharbiel, Swieqi.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz tar-rikors in kwistjoni Rita sive Marguerite Jaccarini qed tressaq tlett lanjanzi u cioè:

(i) Li l-ammount minnha dovut skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hu ta’ €36,365.04 u mhux €50,682.54;

(ii) li s-subasta fuq ċitata ġiet intavolata a bażi ta’ bilanċ dovut fl-ammount ta’ €54,425.53 meta l-bilanċ dovut kien inqas fil-mument tal-intavolar tar-rikors ghall-bejgħ bl-irkant; u

(iii) li waħda miż-żewġ proprjetajiet li tagħhom intalab il-bejgħ bl-irkant kienet gia ġiet mibjugħa lil terzi qabel l-intavolar tar-rikors relattiv;

Illi dwar l-ewwel lanjanza tad-debetriċi eżekutata u cioè li l-ammount minnha dovut skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hu ta €36,365.04 u mhux €50,682.54, il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-kreditur eżekutant illi l-ammount kontestat ta'€14,317.50 hu dovut ai termini ta' sentenza li hija res judicata u li ghalhekk ma tistax tiġi varjata jew mittiefsa. Kif ben tajjeb irrileva il-kreditur eżekutant waqt it-trattazzjoni tar-rikors u fir-risposta tieghu, gia ladarba Rita sive Marguerite Jaccarini għoġobha ma taghmilx użu mill-mezzi lilha disponibbli skont il-liġi ma tistax issa permezz ta' rikors fl-atti ta' subbasta, li hi proċedura eżekuttiva,wara l-ottijeniment ta' titolu ezekuttiv titlob jew totjeni varjazzjoni f'sentenza li issa għaddiet in ġudikat.

Illi permezz tat-tieni lanjanza id-debitriċi eżekutata issostni illi is-subbasta de quo ġiet intavolata a bażi ta' bilanċ dovut ta' €54,425.53 meta l-bilanċ dovut kien anqas fil-mument tal-intavolar tar-rikors għall-bejgħ bl-irkant stante li fit-22 ta' Ġunju, 2023 hija kienet iddepożitat permezz ta' ċedola favur David Jaccarini l-ammount ta' €38,283.79 u ghalhekk fis-27 ta' Ġunju, 2023, ma kienx dak pretiż iżda anqas. Illi mill-atti ma jirriżultax li l-kreditur eżekutant ġie notifikat biċ-ċedola relattiva u għalhekk ma jistax jitqies li kien hemm xi abbuż jew malafede da parti tiegħu fil-mument li huwa ntavola r-rikors ghall-bejgħ bl-irkant. Il-Qorti għalhekk jidrilha li l-ammount dovut ta' €54,425.53 għandu jitnaqqas wara li jiġi żbankat l-ammount ta' €38,883.79 mill-kreditur eżekutant sabiex imbagħad is-subbasta tipproċedi għall-bilanċ ta' €14,317.50 oltre l-interessi u l-ispejjeż.

Illi il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet lanjanza sollevata mid-debitriċi eżekutata Rita sive Marguerite Jaccarini u dan wara li ħadet konjizzjoni tal-fatt illi fir-risposta tiegħu l-kreditur eżekutant David Jaccarini rtira t-talba tiegħu għall-bejgħ bl-irkant tal-kwart (1/4) indiviż mill-fond bin-numru mitejn u tlieta u sebgħin (273), fi Triq it-Torri, Tas-Sliema.

Illi l-Qorti jidrilha li ma jirriżultawx l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex tintlaqa' t-talba magħmula minn Rita sive Marguerite Jaccarini għall-annular, revoka jew varjazzjoni tal-proċess ta' bejgħ bl-irkant tal-villa bil-garage sottopost u interkonness maghha numerata sebgħin (70) u tnejn u sebgħin (72) bl-isem 'Adagio', fi Triq l-Għarbiel Swieqi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:**

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante li kif indikat aktar 'il fuq il-kreditur eżekutant irtira t-talba tiegħu għall-bejgħ tal-propjetà numerata 273 fi Triq it-Torri, già Triq il-Kbira, Tas-Sliema.

2. Tiċħad it-tielet talba ta' Rita sive Marguerite Jaccarini u tordna l-prosegwiment tal-proċess tal-bejgħ bl-irkant tal-villa bil-garage sottopost u interkoness magħha numerata sebgħin (70) u tnejn u sebgħin (72), bl-isem 'Adagio', fi Triq l-Għarbiel, Swieqi.

Bl-ispejjeż għandhom jiġu sopportati minn Rita sive Marguerite Jaccarini.

**Digriet kamerali mogħti illum il-Ħamis 9 ta' Novembru 2023.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**